



EUROPEAN COMMISSION

Brussels, ...

[...]C

COMMISSION REGULATION (EU) No .../..

of [...]

laying down technical requirements and administrative procedures related to specialised air operations and amending Commission Regulation (EU) No .../.... laying down detailed rules for air operations pursuant to Regulation (EC) No 216/2008 of the European Parliament and of the Council

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../..

ta'

li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati ma' operazzjonijiet tal-ajru speċjalizzati u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../.... li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-operaturi u l-persunal involuti fl-operazzjoni ta' ċerti inġenji tal-ajru jridu jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli implimentattivi meħtieġa biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-operazzjoni sikura ta' inġenji tal-ajru. Ir-Regolament (UE) Nru .../.... li jistabbilixxi dawk ir-regoli implimentattivi għall-operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru.
- (3) Għaldaqstant, dan ir-Regolament jemenda r-Regolament (UE) Nru .../.... sabiex jinkludi aspetti partikolari relatati mal-operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali u dawk mhux kummerċjali.
- (4) Sabiex tiġi żgurata transizzjoni bla intoppi u livell għoli ta' sikurezza tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni Ewropea, il-miżuri implimentattivi għandhom jirriflettu l-aħħar avvanzji, inklużi l-aħħar prattiki, u l-progress xjentifiku u tekniku fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru. Konsegwentement, għandhom jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi li sar qbil dwarhom taħt l-awspicċi tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u l-Awtoritajiet Ewropej Konġunti tal-Avjazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2009, kif ukoll il-leġiżlazzjoni eżistenti li tapplika għal ambjent nazzjonali speċifiku.
- (5) Hemm bżonn li jiġi pprovdut biżżejjed żmien sabiex l-industrija tal-ajrunawtika u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jadattaw għall-qafas regolatorju l-ġdid.
L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ħejjiet abbozz tar-regoli implimentattivi u ppreżentathom bħala opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

¹ ĠU L 79, 13.3.2008, p.1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru .../.... huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1(1), il-kliem "kif ukoll operazzjonijiet speċjalizzati" għandu jiżdied wara "operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru b'ajruplani u ħelikopters u operazzjonijiet mhux kummerċjali b'ajruplani, ħelikopters, blalen tal-arja u gliders".
2. Fl-Artikolu 1(2), għandha titneħħa l-kelma "trasport".
3. Fl-Artikolu 1(3), il-kliem "u operazzjonijiet speċjalizzati mhux kummerċjali" għandu jiddaħħal wara "operazzjonijiet mhux kummerċjali".
4. L-Artikolu 1(4) għandu jitħassar u l-Artikolu 1(5) għandu jingħata n-numru ġdid (1)4.
5. Fl-artikolu 2, jiżdiedu dawn iż-żewġ paragrafi:

“5. 'Operazzjoni speċjalizzata' tfisser kwalunkwe operazzjoni kummerċjali li mhijiex trasport kummerċjali bl-ajru u kwalunkwe operazzjoni mhux kummerċjali li fiha:

 - (a) l-inġenju tal-ajru jittajjar qrib il-wiċċ biex iwettaq il-missjoni,
 - (b) jitwettqu manuvri ajrubatiċi;
 - (c) ikun hemm bżonn ta' tagħmir speċjali biex titwettaq il-missjoni;
 - (d) ikun hemm bżonn ta' speċjalisti ta' kompiti;
 - (e) matul it-titjira jiġu rilaxxati sustanzi mill-inġenju tal-ajru;
 - (f) jintrefgħu jew jiġu rmunkati tagħbijiet jew prodotti esterni;
 - (g) matul it-titjira jidħlu jew jitolqu persuni mill-inġenju tal-ajru; jew
 - (h) l-iskop tal-missjoni huwa l-wirja tal-inġenju tal-ajru, għal reklamar jew parteċipazzjoni f'kompetizzjoni.
6. 'Speċjalist ta' kompitu' tfisser persuna assenjata mill-operatur jew parti terza, jew li taġixxi bħala impriża, li:
 - (a) twettaq kompiti fuq l-art direttament assoċjati ma' kompitu speċjalizzat; jew
 - (b) twettaq kompiti speċjalizzati abbord jew mill-inġenju tal-ajru."
7. Fl-Artikolu 2, "VII" għandu jinbidel ma' "VIII".
8. Fl-Artikolu 5(5), "1., 3. u 4." għandhom jinbidlu ma' "1., 3., 4., 6., 7. u 8."
9. Fl-Artikolu 5, jiżdiedu dawn l-erba' paragrafi li ġejjin:

“6. L-operaturi ta' ajruplani, ħelikopters, blalen tal-arja u gliders għandhom joperaw inġenju tal-ajru bl-uniku skop ta' operazzjonijiet kummerċjali speċjalizzati kif speċifikat fl-Anness III u VIII għal dan ir-Regolament.

7. L-operaturi ta' ajruplani u ħelikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur għandhom joperaw inġenju tal-ajru biss bl-iskop li jitwettqu operazzjonijiet speċjalizzati mhux kummerċjali kif speċifikat fl-Annessi III u VIII għal dan ir-Regolament.

8. L-operaturi ta' inġenji tal-ajru li mhumiex inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur għandhom joperaw inġenju tal-ajru biss bl-iskop li jitwettqu operazzjonijiet speċjalizzati mhux kummerċjali kif speċifikat fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament.

9. It-titjiriet li jseħħu eżatt qabel, matul jew eżatt wara operazzjonijiet speċjalizzati u direttament marbutin ma' dawg l-operazzjonijiet għandhom jiġu operati skont is-subparagrafi 6, 7 u 8 imsemmija aktar 'il fuq. B'eċċezzjoni għall-operazzjonijiet bil-paraxut, ma għandhomx jinġarru abbord aktar minn 6 persuni indispensabbli għall-missjoni, minbarra l-membri tal-ekwipaġġ".
10. Fl-Artikolu 8(2), "u operazzjonijiet speċjalizzati" tiddaħħal wara "operazzjonijiet mhux kummerċjali b'ajruplani u elikopters kumplessi li jaħdmu bil-mutur".
11. Fl-Artikolu 10, għandhom jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:
- “4. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx:
- (a) id-dispożizzjonijiet tal-Anness III tar-Regolament (UE) .../.... għal operazzjonijiet speċjalizzati kummerċjali u operazzjonijiet speċjalizzati mhux kummerċjali ta' inġenji tal-ajru kumplessi li jaħdmu bil-mutur, sat-8 ta' April 2015; u
- (b) id-dispożizzjonijiet tal-Annessi V u VIII għall-operazzjonijiet speċjalizzati kollha, sat-8 ta' April 2015.”
12. Jiddaħħal Anness VIII ġdid kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika sa mill-[jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kummissjoni

Il-President